PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

0008/2014

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita

**Iñaki Irazabalbeitia Fernández (Verts/ALE), Marisa Matias (GUE/NGL), Antolín Sánchez Presedo (S&D), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Mark Demesmaeker (Verts/ALE), Jill Evans (Verts/ALE), François Alfonsi (Verts/ALE), Martina Anderson (GUE/NGL), Marie-Thérèse Sanchez-Schmid (PPE), Nikos Chrysogelos (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 16.4.2014

**0008/2014**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità**[1]

1. Fl-Unjoni Ewropea (UE) 10 % tal-popolazzjoni għandhom diżabilità moderata u 4.5 % għandhom diżabilitajiet serji. 75 % ta' dawk li jiddependu fuq sapport personali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali huma esklużi mis-soċjetà ġenerali. Dawn huma diskriminati minħabba d-diversità funzjonali tagħhom (persuni diskriminati abbażi ta' diversità funzjonali – PDDF).

2. Il-Konvenzjoni tan-NU tal-2006 tistabbilixxi d-dritt għal assistenza personali għal għixien indipendenti (l-Artikolu 19).

3. Sistema pubblika ta' assistenza personali għall-persuni diskriminati minħabba d-diversità funzjonali tagħhom tipprovdi dritt, tappoġġja lill-utent b'mod xieraq, effiċjenti u sostenibbli u tiffranka 30 % tal-ispejjeż ta' kura residenzjali.

4. L-ebda ksur tad-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem ma huwa skużat.

5. Għalhekk il-Kummissjoni hija msejħa tippromwovi l-għixien indipendenti għall-persuni diskriminati abbażi ta' diversità funzjonali, bi standards ta' kura personali u protezzjoni tad-drittijiet soċjali bbażati fuq il-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.